**Kulleġġ Santa Margerita**
**Eżamijiet ta' Nofs is-Sena 2013**

---

| **Is-Sitt Sena** | **Malti Qari** | **Ħin: 50 minuta** |
|---|---|---|

---

**Isem:** ____________________________________________ **Klassi:** __________

**L-ewwel taqsima** (10 marki)

***Aqra din ir-riċetta u aħdem l-eżerċizzji kollha.***

**Ir-Riċetta tal-Prinjolata (il-kejk tal-Karnival)**

**L-ingredjenti**

biċċiet tal-kejk
100g lewż imqatta'
100g ċirasa
100g konfettura
200g butir
150g zokkor fin
kuċċarina essenza tal-vanilla
100g ċikkulata maħlula

**Il-Metodu**

- Ħawwad sewwa l-butir sakemm jirtab u jibjad.
- Żid iz-zokkor, il-lewż imqatta' u l-vanilla.
- Dellek skutella bi ftit butir u poġġi biċċiet tal-kejk fil-qiegħ.
- Agħmel saff krema tal-butir u kompli bil-kejk u l-krema sakemm tuża kollox.
- Ħalli l-prinjolata toqgħod għal 24 siegħa.
- Oħroġ il-prinjolata mill-iskutella u żejjen bil-biċċiet taċ-ċirasa, konfettura u ċikkulata mdewba.

**A. Agħmel sing taħt tliet ingredjenti li għandek bżonn biex tagħmel il-prinjolata.** (3 marki)

butir, żejt, ċirasa, zokkor, passolina, ħalib, kafe', gallettini.

**B. Immarka Veru jew Falz** (4 marki)

| | | **Veru** | **Falz** |
|---|---|---|---|
| a | Il-prinjolata hija ħelu popolari l-aktar fil-Karnival. | | |
| b | Trid żewġ ingredjenti biex tagħmel il-prinjolata. | | |
| ċ | Biex iżżejjen il-prinjolata trid tuża ċikkulata iebsa. | | |
| d | Tista' tiekol il-prinjolata hekk kif tlestiha mit-tiżjin. | | |

**Ċ. Agħmel sing taħt it-tajba** (3 marki)

1. Il-prinjolata tinbiegħ l-aktar fix-xahar ta' (Diċembru, Jannar, Frar).
2. Biex tagħmel il-prinjolata (trid nar baxx, trid nar moderat, ma tridx nar).
3. Il-prinjolata taf tkun ftit (morra, ħelwa, qarsa).



**It-Tieni taqsima** (20 marka)

**Aqra din l-istorja u aħdem l-eżerċizzji ta' wara.**

**L-Ewwel Parti**

**Jamie, Ian u t-Tapit**



Jamie kien ilu jixtieq rota. Il-ħabib tiegħu Ian kellu tnejn u, meta joħorġu flimkien, kien jisilfu waħda. Il-Ġimgħa kif spiċċat l-iskola, Ian u Jamie ltaqgħu biex jaraw fejn se jmorru l-għada.
"Tgħid immorru Selmun?" staqsa Jamie.
"Selmun! Bir-roti minn Ħal Lija!?!" qal Ian.
"U le! Naqbdu karozza tal-linja," spjegalu Jamie. (Par. 1)

L-għada t-tfal iltaqgħu u mxew lejn l-istejġ. Tliet kwarti wara kienu Selmun. Imxew lejn il-Kastell ta' Selmun li llum għamluh lukanda. Imbagħad waslu ħdejn il-kwartieri tas-suldati u baqgħu mexjin sakemm waslu fuq it-tafal. Iż-żewġ subien niżlu, jew aħjar tkaxkru, sakemm ġew viċin il- baħar. Kien nadif u ċar kristall. It-tfal intefgħu bilqiegħda jistrieħu għax kienu għajjenin ħafna. (Par. 2)



"Issa minn fejn se nitilgħu?" staqsa Ian li ma kellux aptit xi kedda ma' dak it-tafal.
"Għalissa ma nafx. Agħtini ċans ħa naħseb," wieġbu Jamie. Imteddu u Ian ma damx biex marret għajnu bih. Jamie ddeċieda li jmur jimxi ftit. Hu u miexi lemaħ tapit. Ma setax jifhem kif dak it-tapit wasal hemmhekk! Kien ftit niedi imma nadif.
Jamie beda jaqbdu n-ngħas u mtedd fuq it-tapit. Kif bdiet sejra għajnu bih, ħass it-tapit jiċċaqlaq. It-tapit niżżel xi roti u beda miexi! Jamie kien eċitat u beda jgħajjat lil sieħbu:"Ian, qum! Issa għandna biex nitilgħu fuq!" (Par.3)

Ian baqa' jħares lejn Jamie u t-tapit. Imbagħad tela' fuq it-tapit ukoll. It-tapit daħħal ir-roti u flokhom ħareġ sitt tajers u ħadhom dawra fuq il-baħar. It-tfal kienu fil-ġenna tal-art, sakemm Jamie ħares lejn l-arloġġ! "Kemm sar ħin!" qal Jamie.
"Tassew! Suppost diġa' qbadna t-triq lejn id-dar," qal Ian. (Par. 4)

**A. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (✓) fil-kaxxa.**

(Marka għal kull waħda = 8 marki)

1. Ian

| | | |
|---|---|---|
| a | kellu rota. | |
| b | ma kellux rota. | |
| ċ | kellu żewġ roti. | |

2. It-tfal marru Selmun

| | | |
|---|---|---|
| a | bil-mixi. | |
| b | bil-karozza tal-linja. | |
| ċ | bir-roti. | |

3. It-tapit li sab Jamie kien

| | | |
|---|---|---|
| a | niexef u nadif. | |
| b | imxarrab ħafna u nadif. | |
| ċ | ftit imxarrab u nadif. | |

4. Mis-silta sib:

a) Superlattiv Assolut li tfisser **ċar ħafna** - ______________________________

b) Espressjoni li tfisser **kien se jorqod** - ________________________________

5. Mit-**tieni** paragrafu, sib eżempju ta' **nom sħiħ** fil-**Plural**.

_______________________________________________________________

6. Agħti kelma oħra flok il-kelma "**viċin**" li tinsab fit-**tieni paragrafu**.

_______________________________________________________________

7. Mit-**tielet paragrafu**, sib verb li qiegħed fin-**negattiv**.

_______________________________________________________________

**Kompli aqra l-informazzjoni u aħdem l-eżerċizzji ta' wara.**

**It-Tieni Parti**



It-tapit semagħhom. Dar lura u ma damx biex wasal fuq l-art. It-tajers sparixxew u minflokhom reġgħu ħarġu r-roti. F'qasir żmien it-tapit wassal lit-tfal id-dar. Kienet esperjenza sabiħa. Id-dawra bit-tapit għoġbithom aktar minn dawra bir-rota. Kif is-subien niżlu minn fuq it-tapit, it-tapit sar żgħir daqs maktur u daħal fil-but ta' Jamie. (Par. 5)

Dak il-lejl, kemm Jamie kif ukoll Ian damu biex raqdu. It-tnejn qagħdu jaħsbu fuq it-tapit. Is-soltu l-Ħadd ma jiltaqgħux imma dak il-Ħadd għamlu mezz u ltaqgħu. Kif it-tfal kienu fil-bitħa tad-dar ta' Jamie, it-tapit ħareġ mill-but tat-tifel u kiber. Iż-żewġt iħbieb rikbu fuqu u b'għaġeb kbir it-tapit beda tiela' mal-ħajt qisu xi gremxula! Imbagħad niżel mal-ħajt tal-ġenb għal ġo għalqa. Minn hemm ħadhom dawra f'toroq imwarrba. Imbagħad baqa' sejjer għal ħdejn il-baħar. Ħareġ it-tajers u mar lejn il-Gżejjer ta' San Pawl. Jamie ħa pjaċir għax qatt qabel ma kien rahom mill-viċin. (Par. 6)

"Jamie, innutajt li t-tapit ma jtirx bħal tal-istejjer, imma jimxi ma' kullimkien," qal Ian.
"Tassew," qallu Jamie. "Imma xorta waħda qegħdin niddevertu!"
Jamie u Ian bdew joħorġu flimkien kull nhar ta' Sibt u Ħadd.
Bis-saħħa tat-tapit saru aktar ħbieb minn qabel. (Par. 8)



(Meħuda mill-ktieb "Tik Tok, L-Arloġġ Imsaħħar".)

**B. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fi kliemek u fil-qosor:**

(Marka għal kull waħda = 8 marki)

1. X'għamel it-tapit hekk kif sema' lit-tfal jgħidu li qegħdin tard?

__________________________________________________________

2. X'sar mit-tapit hekk kif wassalhom id-dar?

__________________________________________________________

3. Fejn ħa lit-tfal it-tapit meta ltaqgħu l-Ħadd?

__________________________________________________________

4. Spjega kif dan it-tapit mhux bħat-tapiti tal-istejjer.

______________________________________________________________

5. Aqta' linja taħt l-aġġettiv f'din is-sentenza:

Minn hemm ħadhom dawra f'toroq imwarrba. (par. 6)

6. Agħti l-għerq tal-verb b'sinjal taħtu:

It-tnejn **qagħdu** jaħsbu fuq it-tapit. (par. 6) - __________________________

7. Oħroġ nom mill-verb "jimxi". (par. 7) - _________________________________

8. Aqta' linja taħt il-partiċella f'din is-sentenza:

Il-ħbiberija taż-żewġ subien iktar issaħħet.

**Ċ. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fuq Jamie, Ian u t-Tapit.**

(4 marki)

1. Ikteb żewġ affarijiet li juru li Jamie u Ian kienu ħbieb ta' veru.

a) ________________________________________________

b) ________________________________________________

2. Taħseb li din hija storja vera? Għaliex?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

**TMIEM IL-KARTA**